MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 44/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Carmelo Ciranna**

**Kumpilazzjoni Nru: 44/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmela Ciranna, ta’ 36 sena, iben Saverio u Vasile nee’ Corradina, imwieled gewwa Siracusa, Sqallija nhar l-14 ta’ Mejju, 1975 u prezentement residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 44398A.

Akkuzat talli:

Fit-3 ta’ Jannar, 2012 ghall-habta ta’ bejn l-12:40 u 14:35hrs mir-residenza bl-isem ta’ Il-Musbieh li tinsab fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida, Msida, Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2329.4 u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ George Muscat Art. 261 (b), (c) (e), 263 (a), 267, 269 (g), 278 (3) u tal-Kap 9.

U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-11 u t-12 ta’ Jannar, 2006 mir-residenza bl-isem ta’ ’Redemmer’, li tinsab fi Triq is-Siegh, Swieqi, ikkommetta serq ta’ television liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix il-€2329.4, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Carmela Sivier Art. 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a), 267, 269 (g), 270, 278 (3) tal-Kap 9

U aktar talli sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g)(f), 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. In oltre l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-reati odjerni sehhew qabel ma' l-imputat ghamel perjodu ta' inkarcerazzjoni (dwar reati ohra) u li f'dan il-perjodu ta' detenzjoni huwa ghamel b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u issa anke beda jahdem.

Ill f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-opportunita biex, b'l-ghajnuna ta' ufficjal ta' probation, jkompli fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g)(f), 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-

artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------